**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

# 8 LEĠIŻLATURA

# Laqgħa Numru 24

**It-Tnejn, 17 t' Awwissu, 2020.**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' bil-presenza tas-Sur Sindku, kif ukoll tal-viċi Sindku fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, , fil-5:30 ta' filgħaxija, filwaqt li l-kumplament tal-kunsilliera ngħaqdu virtwali.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Farrugia | Sindku |
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Viċi Sindku |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Kunsillier |
| Is-Sur Carlo Stivala (CS) | Kunsillier |
| Is-Sa Josette Busuttil (JBD) | Kunsilliera |
| Is-Sa Maria Mifsud ( MM) | Kunsilliera |
| Is-Sa Doriana Portelli (DP) | Kunsilliera |
| | |
| Membri tal-Pubbliku: | NIL |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

NIL

**ASSENTI**

NIL

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Is-Sa Rosalie Mintoff – Segretarju Eżekuttiv

Is-Sur Sindku,  ippresjeda

## Minuti

## 24.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

NIL

## 24.02 Approvazzjoni tal-Minuti (numru 23)

24.02.01 Waqt is-seduta ġew approvati l-minuti tas-seduta ta' qabel bin-numri (23). Għaldaqstant, inġibdet l-attenzjoni mil-kunsillier (AC) fuq paragrafu numru (23.09), fejn irrefera li, isem it-Triq għanda tiġi emendata għal 'Dawret il-Qalb Imqaddsa' minflok Triq Dun Alfred. Emenda oħra ntalbet mill-kunsillier (SZ), sabiex f'paġna 6, żewġ versi mill-aħħar, tiżdied il-kelma 'food' bejn 'animal dispenser'. Il-proponent għal dawn il-minuti kien il-viċi Sindku, issekondat mill-kunsilliera (JBD).

## 24.03 Skeda ta' pagamenti

24.03.01 Ġiet ippreżentata l-iskeda ta' pagament bin-numru (Skeda 08/20) li tkopri xiri u pagamenti bejn it-18 ta' Lulju u l-14 t' Awwissu, 2020. Din l-iskeda ġiet approvata mill-kunsilliera kollha. Il-proponent kien il-kunsillier (AC), sekondat mill-kunsillier (SZ). Ġie ppreżentat ukoll ir-rendikont tal-Petty Cash numru (7) għax-xahar ta' Lulju, 2020. Dan ir-rendikont ġie approvat ukoll.

## 24.04 Approvazzjoni tal-kwotazzjonijiet

24.04.01 Matul din is-seduta ma ġewx ippreżentati l-ebda kwotazzjonijiet. Madankollu, is-(SE) ikkonfermat lill-kunsilliera dwar il-korrispondenza li kienet għaddejja f'dawn l-aħħar ġranet fir-rigward tax-xiri ta' skrivaniji ġodda għall-uffiċċju. Għaldaqstant, inħarġet Purchase Order sabiex dawn l-iskrivaniji jinxtraw mingħand il-kumpanija, Invicta. L-għażla ta' din il-kumpanija saret, minħabba li kienet l-unika kumpanija mis-sitt kwotazzjonijiet li tissupplixxi l-qisien meħtieġa. Fuq din l-għażla ma saret l-ebda oġġezzjoni min-naħa tal-kunsilliera.

## 24.05 Komunikazzjoni mis-Sindku

24.05.01 Is-Sur Sindku tkellem billi esprima ruħi dwar in-nuqqqas li qiegħed jara min-naħa tal-kuntrattur li għandu l-kuntratt tal-knies. Huwa stqarr li kemm -il darba fil-preżenza tiegħu sema' lil maniġer tal-kuntratti jiġbidlu l-attenzjoni dwar bosta lmenti li l-Kunsill qiegħed jirċievi. Is-Sindku baqa' jsostni li ma jaqbilx li kull sejħa għall-offerti toħroġ fuq perjodu ta' ħames snin. Il-Kunsillier (JB) saħaq il-qbiel tiegħu fuq dak li kien qiegħed jgħid is-Sindku, madankollu huwa stqarr li jekk dan il-kuntrattur mhux qiegħed jirrispetta l-kuntratt li ngħatalu, sew jekk għal sena, kif ukoll għal ħames snin, il-Kunsill għandu jieħu l-passi meħtieġa. Fuq dan, is-Sindku saħaq li wieħed irrid ikollu 'reliever' sabiex ikun jista' jagħmel dan. Is-(SE) stqarret li l-proċedura hi, li wieħed l-ewwel irrid jibda bi tliet verbal warning, wara toħroġ default notice, imbagħad jittieħdu l-passi meħtieġa. Għaldaqstant, il-viċi Sindku ppropona, li meta l-maniġer tal-kuntratti jagħtih default notice, dan għandu jagħraf ukoll lil

kunsilliera. Inġibdet l-attenzjoni mis-(SE) li dan l-istess kuntrattur għandu tliet kuntratti fi ħdan il-Kunsill, u għaldaqstant, għalkemm huwa l-istess persuna, madankollu jridu jiġu trattati separatament minn xulxin.

24.05.02 Is-Sur Sindku staqsa lis-(SE) x'sar minnhom il-kwotazzjonijiet fir-rigward it-trinka tal-Bajja s-Sabiħa. Is-(SE) wieġbet illi nħarġet il-Purchase Order lid-distributur li tagħna l-orħos prezz. Għalkemm il-kunsillier (MM) irsistiet ħafna, sabiex dan ix-xogħol tal-hedge isir qabel il-festa parrokjali, però sal-lum għadna nistennew. Il-kunsillier (SZ) fuq dan l-istess suġġett ikonferma li llum intbagħtet il-pjanta tal-proġett lill-Awtrorità tat-Trasport. Il-proġett ser ikun ikopri b' zebra crossing li tibda eżatt qabel il-'Mariners'. Quddiem il-'Mariners' ser tiġi bus stop li tkun paralleli mal-prominad. Madankollu, huwa sostna li l-kunsill irrid jgħaġġel sabiex jilħaq ikollu l-kuntrattur lest sa ma jiġi l-permess meħtieġ.

Il-viċi staqsa lil (SZ) minħabba l-problema tal-bus stop, jekk hix ser terġa' tinħoloq l-istess problema ta' ftit ġimgħat illu ma l-istess resident. Il-kunsillier (AC) wieġeb li iva ser tkun eżatt quddiem l-istess resident, madankollu issa l-bankina ser tikber u ser tkun maqlugħa 'l barra.

Is-Sindku stqarr li minn quddiem il-każin tal-labour kien hemm culvert, iżda minn ħdejn l-Għassa tal-Pulizjia sa ħdejn il-każin Nazzjonalista, il-planki qabżu din it-triq. Huwa baqa' jsostni li hemm hekk ser ikun hemm problema, għaliex il-culvert irid jitbaxxa. Il-culvert wiesa' sitt piedi, filwaqt li minn ħdejn l-Għassa kulma hemm filata waħda, fonda 2 piedi. (SZ) issuġġerixxa li togħla dik il-biċċa tat-triq. (SZ) staqsa lis-Sindku il-wiċċ tal-culvert kemm hu għola mill-wiċċ tat-triq. Huwa kompla jispjega li aħna ser naslu sa quddiem fejn kien hemm tal-gazzetti u minflok il-hedge tal-faċċatta, dan ġej parkeġġ u l-bankina ser tidjieq. Madankollu, is-Sur Sindku baqa' jsostni li jekk ser tidjieq il-bankina, jinsab ċert li l-culvert ser jintmiss, għaliex qiegħed eżatt taħt il-hedge, iżda (SZ) stqarr li f'dan il-proġett ser ikun qiegħed 'jiekol' mill-hedge 'l barra minħabba li TM jriduna li nżommu t-triq dejqa kemm jista' jkun. (SZ) qal li dan il-qies ġie mogħti lilna min-naħa ta' TM. Is-Sindku baqa' jfiehem li dan il-culvert qiegħed idur mal-prominad kollu u għalhekk quddiem il-każin tan-Nazzjonalisti qiegħed marħruġ 'l barra. (SZ) spjega li quddiem l-Għassa tal-Pulizija, ittieklet biċċa mis-central strip sabiex, min ikollu bżonn imur ftit minuti għas-servizz mill-Għassa, ma jieħux parkeġġ. Madankollu, is-Sindku staqsa jekk TM għamlux survey fuq il-post, sabiex jaraw dan kollu li qiegħed jiġi propost. (AC) wieġeb illi issa ġaladarba TM irċeviet l-applikazzjoni jkun il-waqt li tiġi tagħmel survey fuq il-post. Huwa qal ukoll illi l-perita fetħet il-manholes li hemm minn quddiem l-Għassa sal-każin tan-Nazzjonalisti. Dan jista' jikkonfermah, għaliex kien preżenti. Is-Sindku xorta waħda baqa' joġġezzjona li l-affarijiet l-ewwel għandhom isiru billi s-survey issir minn TM qabel ma tiġi ssottometta l-applikazzjoni, imbagħad issir il-pjanta u mhux bil-kontra. Għaldaqstant, il-kunsillier (SZ) ser jerġa' jitkellem mal-perita, sabiex jikkonferma dan kollu li kien qieħed jintqal. Fuq dan il-punt, is-Sur Sindku wieġeb li hemm bżonn li jekk niddeċiedu li ser nagħmlu xi ħaġa, nibqgħu mexjin bil-proġett u mhux nispiċċaw norqdu fuqu!

## 24.06 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

24.06.01 Is-(SE) staqsiet lil kunsillier (AC), sabiex jagħtina aġġornament fuq l-ordni tal-bust ta' San Ġorġ Preca. (AC) aġġorna billi qal li dan l-aħħar, il-bust mar Messina, sabiex minn wara li kien tax-xema' jinbeda fuqu x-xogħol tal-bronż. Is-Sindku staqsieh jekk il-permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar ġewx maħruġa/ approvati. (AC) ikkonferma li għandna f'idejna kull permess meħtieġ.

24.06.02 Is-(SE) tat spjegazzjoni fuq l-applikazzjonijiet li l-Kunsill irċieva għal-ingaġġ ta' żewġt skrivani oħra. Fuq dan l-aspett hija talbet lil kunsilliera min jixtieq jifforma ruħu bħala parti mill-bord tal-għażla, sabiex fil-ġranet li ġejjien isiru l-intervisti. Kien deċiż li l-bord ser ikun magħmul mill-kunsilliera (JBD). (CS), is-Sur Sindku, il-viċi Sindku u s-(SE). Fil-ġranet li ġejjien ser jiġi maqbul ġurnata ideali għal bord u jintbagħtu l-ittri lill-applikanti.

24.06.03 Is-(SE) staqsiet jekk il-Kunsill għandux jibgħat ittra lil żewġt residenti differenti li t-tnejn joqogħdu fi Triq il-Brolli. Resident minnhom minħabba li kien ċedilu l-ħajt u baqa' ma tellgħux, filwaqt li r-resident l-ieħor qatta' trinka fi triq li kienet għadha kif saret u ma tahiex l-asphalt. (AC) wieġeb li l-ewwel resident li waqalu l-ħajt, ikkonferma li l-ġebel neħieh min-nofs tat-triq, issa hija fir-responsabilità tiegħu li jerġa' jtella' l-ħajt. Fir-rigward tat-tieni resident (AC) qal li llum stess beda jitkellem mat-taqsima tal-infurzar, fi ħdan l-Awtorità tat-Trasport u fil-ġranet li ġejjien ser ikun qiegħed jaġġornana fuq dan l-aspett.

## 24.07 Mistoqsijiet imressqa mill-kunsilliera

24.07.01 Punti mressqa mill-Kunsillier (SZ)

- Status dwar il-pulizija fil-komunità – Is-sala tal-Kunsill li qed tintuża' bħala satellite office, ġiet imbajda, inbidlu t-tubi u tinsab lesta mgħammra minn kollox biex tista' tintuża' għal dan il-għan. Jonqos biss il-lockers, fire extinguisher, whiteboard, isiru l-partions tal-aluminuim u jiċaqlaq il-main switch. Is-servizz diġà nbeda u jidher li qed jiġi milqugħ sewwa mir-residenti. Nhar il-Ħamis, 20 t' Awwissu, (SZ) ser jattendi għal laqgħa mas-Surġent, sabiex flimkien jiddiskutu fuq x'inhuma l-prijoritajiet. (SZ) wera x-xewqa li jintlaħaq sotto-kumitat, sabiex jibda jiltaqa' mal-pulizija fil-komunità u waqt kull seduta jkun jista' jippreżenta rapport ta' dak kollu li jkunu ltaqgħu miegħu. Il-viċi Sindku staqsieh kif il-pulizija fil-komunità fil-lokalita tal-Mellieħa, applikaw sistema dwar ċertu talks. (SZ) wieġeb li bħala PR, fil-preżent, qegħdin jiġu stampati leaflets li ser jitqassmu mill-istess pulizija li jkun qiegħed marbut maż-żona partikolari, skont l-area tiegħu. Meta jibda jkollna l-iskeda, idealment, nibdew intellugħa fuq il-paġna tal-facebook tal-Kunsill. Din l-iskeda għad m'għandniex minħabba li qed naħdmu mal-Awtorità tas-Saħħa pubblika.
- (SZ) spjega fuq is-sejħa tal-offerti fir-rigward l-istreet lightning. Huwa sema' kif ir-Reġjun ta' Nofsinhar, diġà għamel l-istruttura ta' din is-sejħa u fil-preżent qiegħda fi ħdan id-Dipartiment tal-Kuntratti, sabiex tiġi ppublikata.
- Tkellem ukoll dwar id-dawl dekorattiv fir-rigward ta' Misraħ Pietru Pawl Saydon u Misraħ San Ġorġ. Huwa semma' l-fatt illi l-persuna li kienet qiegħda tassisti ma tistax

tkompli toffri l-assistenza tagħha u għaldaqstant dan l-istess persuna kien issuġġerixxa persuna kompatibbli oħra minfloku, sabiex tassistina. F'dal mument (SZ) talab l-approvazzjoni tas-(SE) sabiex ikun jista' javviċina lil din il-persuna rekomandata, biex jitkompla l-proċess. (SE) tat l-approvazzjoni f'isem il-Kunsill.

- (SZ) staqsa jekk sal-lum irċevejniex risposta mingħand il-Ministru Michael Farrugia, fir-rigward tat-talba għall-parkeġġ fiż-żona magħrufa bħala l-ex impjant tal-gas tal-Enemed. (SE) ikkonfermatlu li sal-lum l-uffiċċju ma rċieva l-ebda korrispondenza marbuta ma' din it-talba.
- (SZ) staqsa lil kunsillier (AC) jekk il-perita bagħtetx il-pjanti marbuta mal-parkeġġ, fi Triq iż-Żebbuġ. (AC) ikkonferma li għad le.
- Talba mir-residenti, sabiex wara l-pitch issir swiming zone. (AC) qal li tkellem ma' TM u qalulu li nkunu qegħdin inaqqsu d-dħul tal-parkeġġ tad-dgħajjes, jekk dik iż-żona tiġi meqjusa bħala swimming zone.
- (SZ) staqsa lil kunsillier (CS) fuq dan is-suġġett. (CS) iddikjara li l-Water Polo Club qiegħed jitlob estenzjoni għat-tkomplija tal-pitch u hemm hekk m' hemmx irmiġġ.
- (SZ) semma' wkoll li wasal iż-żmien sabiex nieħdu ħsieb innaddfu l-ispralli tat-toroq u tal-widien. Is-Sindku stqarr li l-Kunsill kien iqabbad persuna, sabiex tagħmel dan ix-xogħol, iżda l-kunsillier (JB) fakkar li dan ix-xogħol huwa parti minn kuntratt fi ħdan il-Kunsill. Huwa kompla jgħid illi jekk inqabbdu lil persuna l-oħra, mhux biss ma nkunux qed nonoraw il-kuntratt rispettiv, iżda nkunu qed inħallsu lil kuntrattur ta' xejn. Madankollu, (SZ) stqarr li jekk ma jnaddafhomx, ma jitħallasx. (SZ) tkellem fuq l-importanza li jitnaddaf l-isprall ta' Żurrieq road, li qiegħed quddiem il-bejjiegħ tal-ħaxix. Fuq dan il-punt, is-Sindku ġibidlu l-attenzjoni, li l-ilma ta' dan l-isprall suppost jispiċċa fil-ġibja. (JBD) ġibdet l-attenzjoni wkoll għall-isprall ta' quddiem il-ħanut taż-żibra. Is-(SE) fakkret lil kunsillier (MM), sabiex tfakkar lil kuntrattur fuq dan l-aspett, biex inaddaf l-ispralli malajr qabel ma tiġi x-xita. Fuq dan l-aspett, il-Kunsill kien irċieva ċirkolari mill-AKL fejn kienet qiegħda twissi, li hija r-reponsabbilità assoluta tal-Kunsill li jieħu ħsieb inaddaf il-culverts qabel ma tibda x-xita.
- (SZ) reġa' fakkar lil kunsilliera li sa dan il-mument ma kienx għadu rċieva l-ebda feedback fuq l-emajl li kien bagħat ftit tal-ġranet ilu, fir-rigward tal-immaniġjar tat-traffiku. Il-Kunsilliera ser jaraw il-korrispondenza u ser jibgħatu l-feedback tagħhom.
- (SZ) issuġġerixxa li jingħata premju lil kelb tad-dwana li jismu Peter, għax-xogħol siewi li qiegħed jagħmel.

24.07.02 Punti mressqa mill-Kunsillier (CS)

- (CS) tkellem fir-rigward tat-tabelli li Transport Malta kellhom iwaħħlu f' Wied il-Buni, sabiex id-dgħajjes jieħdu prijorità . (AC) qal li ser jieħu ħsieb dan il-punt.
- (CS) talab sabiex fejn hemm it-tender ta' Wied il-Buni, fejn l-islip way, fejn kien hemm tal-melħ, isir sinjal isfar biex fuq il-biċċa li hemm bil-konkos, min ikun irid iniżel dgħajsa żgħira ma jsibx ostakli. (AC) qal li ser jieħu ħsieb dan il-punt.
- (CS) informa lil Kunsill li minħabba r-raġunijiet marbuta mal-COVID-19, it-tournament tas-soccer, kellu jiġi postpost. Madankollu, l-MFA xorta waħda baqgħet għaddejja tagħmel ix-xogħlijiet fil-pitch.
- Sar qbiel li meta jinħareġ permess għal pitch, skont il-protocol tal-Beach Soccer, issir disclaimer fuq il-permess li jorbot lill-applikant li għandu jsegwi kull miżura li qed titħabbar minn żmien għal żmien, relatata mal-pandemija.

- (CS) semma' wkoll u sar qbiel bejn kulħadd, illi booking tal-pitch mingħajr ħlas, dan il-booking ma jkunx ikonfermat qabel ma titħallas il-kirja.
- (CS) tkellem ukoll fuq kuntatt li kellu hu u l-kunsillier (MM) ma' coach li tħarreġ l-eżerċizzju tal-Pilates, sabiex il-Kunsill jibda joffri dan l-eżerċizzju lir-residenti. Il-ħlas marbut ma' din il-coach huwa ta' €50.00 għal kull sezzjoni. (CS) ippropona li l-ħlasijiet tal-pitch għandhom jintużaw għal dawn l-ispejjeż. Madankollu, il-kunsillier (SZ) fakkar li skont il-procurement, irrid ikollna tliet kwotazzjonijiet mingħand persuni differenti. Fuq dan il-punt (CS) ma qabilx, għaliex sostna li bħal din il-coach ma teżistix. Il-viċi ppropona li niskedaw erba' sezzjonijiet u naraw kif imorru, imbagħad noħorġu sejħa ta' interess u naraw id-domanda kif tkun. F'dan il-mument għaddiet b'mozzjoni unaninament, sabiex isiru għaxar lezzjonijiet, ta' darba fil-ġimgħa. Il-proponent ta' din il-mozzjoni kien (CS), sekondat minn (MM).
- Punt ieħor min (CS) kien fir-rigward tar-refurbishment tal-basket ball ta' fuq il-bajja. Il-Kunsill għandu introjtu minnu, u għalhekk qiegħed jipproponi sabiex 'il quddiem isir tisbieħ, jingħalaq bil-fence u jsir id-dawl meħtieġ.

24.07.03 Punti mressqa mill-Kunsillier (DP)

- (DP) fakkret fuq it-tabelli li kienet semmgħiet fis-seduta ta' qabel, dwar mhux permess tar-roti,..... eċċ. (SE) wieġbet li dawn ġew ordnati u qegħdin fl-istadju tal-proċess.
- Il-fence li jdawwar il-bandli. (SE) għandha terġa' tfakkar lill-uffiċċju.
- It-tapit tal-lastiku tal-bandli, li hemm bżonn li jinbidel. (SE) għandha terġa' tfakkar lill-uffiċċju.
- (DP) reġgħet fakkret lil viċi fuq it-tibdil tas-seratura tal-iskate park. Il-viċi wieġeb li għad irrid jitkellem mal-Malta Trust Foundation.
- (DP) staqsiet lil (SZ) dwar id-dawl tal-AAA, jekk nistgħux nibgħatu emajl lil maniġer tal-proġett tal-park tal-familja. (SZ) igarantixxa li d-dawl ser jasal, però l-AAA wkoll irridu japplikaw għall-meter tad-dawl.
- (DP) spjegat kif is-(SE) għamlet kuntatt ma' CRPD, dwar il-wheel chair swing. Hija qalet li ma tistax tifhem kif is-CRPD ma laqgħetx il-proposta tal-bandla tagħha, għaliex stqarret li perikoluża, meta Tas-Sliema din il-bandla diġà teżisti. (DP) kompliet li ser tkun qiegħda tagħmel kuntatt hi personalment mar-rappreżentanta tas-CRPD, sabiex tiċċara dan il-punt.
- (DP) fakkret fuq il-bord li kellu jitwaqqaf għal proposti tal-pjazza u għaliex qiegħed jieħu daqshekk żmien. (SZ) stqarr li waqt il-festa ta' din is-sena, ħa opinjoni, sabiex qabel nagħmlu s-sejħa rid ikun ċert min verament jinteressah. Huwa kompla jgħid li t-text lest u ser ikun qiegħed jibgħatu għall-approvazzjoni. Kull idea, inkluż tal-istatwi, trid tiġi mal-ħafna ideat li hemm u jridu wkoll ikunu in-line mal-policies tal-Awtorità tat-Trasport.
- (DP) reġgħet fakkret fuq it-talba, sabiex issir il-Bajja għall-għum tal-klieb. Is-(SE) talbitha sabiex tibgħatilha pjanta fejn tindika din il-Bajja sabiex tressaq it-talba tagħha mal-awtoritajiet konċernati.

24.07.04 Punti mressqa mill-Kunsillier (MM)

- (MM) fakkret li kienet ġiet diskussa l-biċċa niżla fejn hemm il-bollards fi Triq Arturo Issel, għaliex saret perikoluża. (AC) weġibha li kellem lil Infrastructure Malta u qalulu li ser jagħtuha prijorità. (SZ) ippropona li l-bollards għadhom jibqgħu telgħin sa fuq,

però (AC) ma qabilx ma' dan is-suġġeriment. L-aħjar li wieħed jidħol biss u jdur mal-ġnien, bħal roundabout. (SZ) ser ikun qiegħed jibgħat sketch lil kulħadd, fuq dan il-każ.

- (MM) staqsiet jekk ikunx aħjar li Triq il-Mandolina ssir one-way. (AC) qal li fil-preżent qiegħed isir eżerċizzju u qegħdin iduru l-one-ways.
- (MM) talbet lis-Sindku, sabiex imur jara x-xogħol li bdew f' Wied ir-Raddiena, għaliex irċeviet ilmenti fuq ix-xogħol. (SZ) fakkarha wkoll, sabiex jitnaddaf sewwa Wied il-Qoton, sewwa sew fejn ir-razzett.

24.07.05 Punti mressqa mill-Kunsillier (AC)

- (AC) staqsa lis-(SE), fix waslet l-ordni tal-automatic barrier. (SE) infurmatu li l-barrier ordnata, l-istallazzjoni tal-internet ordnat ukoll, iżda qabel għad irrid jitkellem mal-electrician fuq is-sistema tad-DVR.
- (AC) issuġġerixxa li l-istatwa tat-tifla bil-ħamiema, issir tal-bronż minflol tal-fibre. (SZ) staqsieh jekk nistgħux insaqsu lill-istess persuna li għamel l-abbozz. Is-Sindku qabel li għandha ssir tal-bronż, filwaqt li s-Sindku ssuġġerixxa biex il-perita tagħmel l-applikazzjoni bil-lest mal-Awtorità tal-Ippjanar.
- (AC) tkellem ukoll fir-rigward tar-roundabout ta' San Ġorġ. Huwa saħaq li kull raħal għandu r-roundabout li tagħtik merħba kif tidħol fil-lokalità. Għaldaqstant, qiegħed jipproponi li jsiru l-pjanijiet, sabiex meta toħroġ xi skema, il-Kunsill ikun jista' japplika għaliha.
- (AC) tkellem fuq fanali tal-flood lights li jieħdu dawl mil-bozoz minn taħt. Huwa ppropona li jsiru bħalhom fuq iz-zuntier.
- (AC) semma' s-sitwazzjoni tal-kumpanija Dimbros, li wettqet il-proġett quddiem il-Water Polo Club. Fuq riżultat li ddikjarat il-perita tal-Kunsill, it-triq tinsab fi stadju perikoluż, għax il-wiċċ jiżloq. Hija ssuġġerit li l-Kunsill għandu jqabbad kumpanija oħra biex tagħmel il-core testing, ħalli tieħu opinjoni oħra. (AC) kompla jgħid li jaqbel mal-perita li jsir it-tieni test. Jekk it-tieni test jirriżulta li jaqbel ma' dak kollu li ġie ddikjarat fir-rapport tal-perita, jiġifieri qiegħed ħażin u ta' periklu, il-kuntrattur ikollu jerġa' jagħmel ix-xogħol, iżda jekk le, isir kumitat u jipproċedu minn hemm hekk. Fuq dan l-aspett, ġie fformat sotto-kumitat magħmul minn (SZ) / (AC) / (JB) / Sur Sindku u l-viċi.
- (AC) fakkar lis-(SE) sabiex tikteb lil GreenPak biex jibdew joffru s-servizz tar-riċiklaġġ darbtejn fil-ġimgħa ġewwa l-lokal. (SE) ser tkun qiegħda tressaq din it-talba.

24.07.06 Punti mressqa mil-viċi Sindku

- Il-viċi talab għall-aġġornament fuq l-ibins ta' Triq il-Merżuq. (SE) wieġbet li kienet bagħtet talba lil Green Pak, iżda s'issa għadhom hemm.
- Il-viċi talab lil (SZ) sabiex jiċċekkja dwar camper bil-karru fi Triq tal-Papa li kellu notice safra maħruġa mit-TM u li xi ħadd neħħa dan l-avviż, filwaqt li l-camper baqa' hemm.
- Il-viċi qajjem il-punt dwar il-barbeques li qegħdin isiru bejn il-Ferretti u l-pjant tal-gas. Huwa kkundana li riċenti Clean-up Malta kienu għadhom kif għamlu pjataforma tal-injam u n-nies diġà ħarquh.
- Tkellem ukoll fuq emajl li waslet l-uffiċċju fuq servizz ta' internet fil-postijiet pubbliċi, ġewwa l-lokal. Bħala area, huwa kien qiegħed jipproponi l-bajja, u għaldaqstant staqsa

jekk hemmx xi proposta oħra. (SZ) stqarr li idealment ma jkollniex konċentrazzjoni mhux f'area waħda biss. Il-viċi ser ikun qiegħed isegwi din it-talba.

24.07.07 Punti mressqa mill-Kunsillier (JBD)

- (JBD) staqsiet lis-Sindku fuq il-culvert li hemm fi Triq il-Kanonku Attard, fejn dejjem mimli bl-ilma. Is-Sindku wieġeb li hemm hekk hemm problema li meta jaħslu l-karozzi, l-ilma jiġri u jidħol għand in-nies.
- (JBD) resqet it-talba ta' resident li joqgħod fi Triq il-Port Ħieles, sabiex jiġbor l-ilma fil-ġibja tiegħu. Hu jixtieq li jagħmel trenching bil-ħadida, iżda s-Sindku fakkarha li dik hija triq arterja.
- (JBD) reġgħet staqsiet dwar l-isleeping policeman fil-Qajjenza. – (SZ) wieġeb li għadu qiegħed jistenna mill-Awtorità tat-Trasport.
- (JBD) – arblu tad-dawl fi Triq il-Fossilli, fuq l-istage. (SZ) wieġeb li għandna kollox lest iżda bħalissa qegħdin nagħmlu użu mill-kuntrattur tal-emerġenza, u mhux għaqli li minn €5,000 nużaw €1,000 fuq arblu wieħed.
- (JBD) – mera fi Triq il-Kitarristi, hekk kif wieħed jitlaħħa kollha u jiġi fi Triq il-Merżuq.
- (JBD) – sinjal isfar fi Triq il-Katarristi, taħbat ma' Triq il-Merżuq (fil-kantuniera). (SZ) wegħedha li ser imur jara
- (JBD) tkellmet ukoll fuq Jum Birżebbuġa b'differenza, minħabba l-pandemija. Għaldaqstant qed tipproponi li ssir quddiesa u nġibu l-Bank tad-Demm. Kulma jkollna bżonn hija l-biċċa tas-soltu, ta' ħdejn l-iskola. Hija ser tkun qed tagħti d-dati aktar 'l quddiem.
- (JBD) staqsiet lis-Sindku, jekk il-foreman marx jara r-rampa tal-bankina ta' ħdejn Misraħ is-Summit li huma ta' disturbanza għal min juża' s-siġġu tar-roti. Is-Sindku ser ikun qiegħed jikkonferma mal-foreman.
- Talba, sabiex bejn il-Ferretti, fejn hemm biċċa qiesa bandli, issir rampa żgħira biex jinżlu jgħumu n-nies. (JBD) għandha tibgħat il-pjanta ta' fejn qed tindika, sabiex tkun tista' tfiehem aħjar il-post indikat.

24.07.08 Punti mressqa mill-Kunsillier (JB)

- (JB) staqsa fuq il-programm tal-injection tal-influwenza, jekk din is-sena li mid-dehra ser ikollna domanda ikbar, hux il-Kunsill ser ikun qiegħed joffriha. (SE) wieġbitu li l-uffiċċju diġà tkellmu fuqa u minn Settembru ser jibdew jaċċettaw il-bookings. Madankollu, huwa qal li ser jiċċekkja dwar il-policy tal-Gvern kif taħdem u jikkombina mall-uffiċċju.
- (JB) – Il-Qajjenza dwar tal-gas division. Il-viċi wieġeb li għamilna t-talba, iżda s'issa għad m'hemm xejn.
- (JB) tkellem dwar Triq Herakles, eżatt quddiem il-banka tal-lottu. Kien hemm ħofra fuq il-bankina, hemm hekk għadha, forsi tkun tista' tinġibed l-attenzjoni. (AC) wieġeb li l-expansion joint, kienet tneħħiet.
- (JB) L-isleeping policeman fi Triq San Ġużepp u fi Triq il-Qroll. (AC) wieġeb li ta' Triq il-Qroll ser issir minn Infrastructure Malta.

## 24.08 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

24.08.01 Il-laqgħa aġġornat fit-tmienja u ħamsin minuta ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn, 14 ta' Settembru, fis-sitta ta' filgħaxija. Aġġornament dwar jekk hux ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill, jew virtwali, ser jingħata aktar tard skont is-sitwazzjoni Nazzjonali.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ___________________________ | ________________________ |
| Joseph Farrugia | Rosalie Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |